## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

### Laqgħa Nru. 62/2017

Data: 9 ta' Jannar, 2017

Ħin: 18.30

Post: Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera

---

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Yvonne Spiteri | - | Segretarju Eżekuttiv |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Eks-Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Ħadd | | |
| Assenti: | Is-Sur Gianluca Falzon | – | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Għal din il-laqgħa attenda s-Sur Michael Mifsud l-eks Segretarju Eżekuttiv sabiex ikun jista' jassisti lis-Sinjura Yvonne Spiteri.

---

## AĠENDA

### 1. Talba

F'dan l-istadju (18.30) intalbet is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex is-Sur Horace Anastasi flimkien mas-Sur Silvio Vella rringrazzjaw lil dawk il-kunsilliera li attendew għall-funerali rispettivi. Is-Sindku tahom mill-ġdid il-kondoljanzi.

### 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Minuti tas-61 Laqgħa ttieħdu bħala moqrija

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku:

## 2.1 Korrezzjoni tal-Minuti tas-61 Laqgħa.

2.1.1 Minuta 9.3 titneħħa l-kelma "ssurerixxa" u tiżdied flokha "ssuġġerixxa"

2.1.3. Minuta 9.4 titneħħa l-kelma "bibita' " u ssir "bibita"

## 3. Affarijiet li jitqajmu mill-Minuti

3.1 Minuta 1 - Il-Kunsillier Darren Carabott informa lill-Kunsill li l-istudji tiegħu għadhom għaddejjin u jitlob li jerġa jkun skużat.

3.2 Minuta 3.6 – Is-Sindku rrefera għall-ftehim li ser isir mas-Sur Sean Fitz li jirrigwarda *U bars* u r-reklami. Il-kuntrattur wera x-xewqa li l-kuntratt isir għal ħames snin. Is-Sindku rrimarka li skond il bye-law l-kuntratt għandu jsir għal sena. Il-ħlas għandu jkun skond il-qisien li jitpoġġew.
Is-Sindku sostna wkoll illi fil-kuntratt xtaq idaħħal klawsola, illi ma jixtieqx li jitħallew *U bars* bil-frame biss, jiġifieri mingħajr riklam għax ikunu koroh. Jekk ikun il-kas, is-Sindku ppropona li jitwaħħal il-logo tal-Kunsill Lokali jew riklami edukattivi.
Is-Sindku ppropona li ser jiddiskuti mal-Kuntrattur il-possibilta sabiex jirranġa l-*bus shelter* ta' fejn San Ġużepp fi Triq il-Kbira.

Il-Membri qablu unanimament.

3.3 Minuta 7(a) – Is-Sindku rrimarka li l-kunsilliera kollha għandhom jagħtu sehemhom fl-organizzazjoni tal-attivitajiet relatati maċ-Ċentinarju tal-Parroċċa.

3.4 Minuta 9.2 - Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill illi saru diskussjonijiet mal-Kumitat Festi Nazzjonali sabiex il-Ħadd tal-Karnival, il-karrijiet jitilqu minn Santa Venera u jibqgħu nieżlin lejn il-Ħamrun fi triqthom lejn il-Belt. Irriżulta li hemm problema ta' loġistika li mhux ser ikun possibbli sabiex jgħaddu minn hemm matul din is-sena.

## 4. Korrispondenza

Ma kien hemm l-ebda korrispondenza.

## 5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

Il-pagamenti flimkien mal-*petty cash* ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew ikkoreġuti.

## 6. Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 178 sa lment numru 199.

| | |
|---|---|
| 178 | Tintbagħat ittra lir-residenti |
| 179 | Azzjoni ittieħdet |
| 180 | Tinbgħat talba lil TM għal single yellow line |
| 181 | WO lil B.Grima & Sons |
| 182 | Azzjoni ittieħdet |
| 183 | Contracts Manager |
| 184 | Grima & Sons |
| 185 | Applikazzjoni mal-Enemalta |
| 186 | Grima & Sons |
| 187 | Applikazzjoni mal-Enemalta |
| 188 | Azzjoni ttieħdet |
| 189 | Xogħol ser isir aktar 'il quddiem |
| 190 | Diġa hemm WO mas-Central Asphalt |
| 191 | Azzjoni ittieħdet |
| 192 | Xogħol ser isir matul Frar '17 |
| 193 | Ħaddiema Assenjati |
| 194 | Ħaddiema Assenjati |
| 195 | Ma tistax issir skont ir-regoli ta' TM |
| 196 | Contracts Manager |
| 197 | Contracts Manager |
| 198 | X'inhi r-raġuni ta' min qed jitlobha? |
| 199 | Azzjoni ttieħdet |

## 7. Ordnijiet tal-ġurnata

### 7(a) Ċentru ta' Matul il-Jum

Is-Sindku informa lill-Membri li l-item jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament.

### **7(b)** Performance Appraisal Segretarju Eżekuttiv u Ħaddiema tal-Kunsill

Is-Sindku ppreżenta lill-membri *I-bonus apprasial* tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2016. Is-Sindku ppropona li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Michael Mifsud għandu jingħata 10%. Dan minħabba l-ħidma kontinwa tiegħu fil-Kunsill.

Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li I-kumplament tal-Membri qablu unanimament.

Fis-7.25pm wasal is-Sur Jonathan Brimmer u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

Is-Sindku ipprezenta wkoll *il-bonus appraisal* tal-ħaddiema u wara li ġew analizzati u diskussi il- membri tal-Kunsill qablu kif gej :

Is-Sur Carmel Busuttil għandu jingħata l-ammont ta' 6%

Is-Sa. Sharon Mifsud għandha tinghata l-ammont ta' 6%

Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal-Membri qablu unanimament.

## 7 (c) Tender tad-Dawl

Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħareġ ċirkolari li fiha qed jagħti l-għazla lill-Kunsilli biex japplikaw għal Tender tad-Dawl ġdid għal rashom jew inkella japplikaw mar-Reġjun rispettiv tagħhom. Is-Sindku fakkar illi jekk il-Kunsill japplika għal rasu aktar ikun hemm kontroll u għalhekk ippropona li jinħareġ Tender għal rasna.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament

## 8 Minuti ta' Kumitati/Sotto Kumitati

Ma ġewx ippreżentati minuti f'din il-laqgħa

## 9 Kommunikazzjoni mis-Sindku

9.1 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kumitat taż-Żgħażagħ rebaħ l-applikazzjoni sabiex isir restawr fuq l-iskudett li hemm fl-entratura ta' Ġnien Romeo Romano. Is-Sindku poġġa fuq il-mejda il-Kuntratt li kien ppreżentat lilu mill-Youth Worker is-Sur Chris Micallef. Għaldaqstant il-Kunsill irid joħroġ l-ammont ta' €600 hekk kif inhu stipulat fil-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Wara diskussjoni profonda il-Kunsill qabel li jrid jinħareġ permess mill-PA bl-involviment tal-periti tagħna. Għaldaqstant kien hemm qbil sabiex tinġieb aktar kjarifika dwar dan.

9.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-ħtieġa li tkun irranġata l-provista tal-elettriku fi Ġnien Romeo Romano dan minħabba li qed ikun hemm dlam ċappa. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li huwa imminenti li dan ix-xogħol isir fl-iqsar żmien possibbli minħabba li meta jidlam qed ikun ta' periklu. F'dan ir-rigward is-Sindku ppropona sabiex jinġiebu tlett kwotazzjonijiet biex jinbidlu l-floodlights filwaqt li temporanjament jitranga' id-dawl fil-kamra ta' ġewwa u jkun jista' jinxtgħel dan il-ġnien.

Il-membri qablu unanimament.

9.3 Is-Sindku nforma lill-membri li saret laqgħa informali mal-kumpanija AIS dwar il-proġett tal-IMrieħel li ser isir flok Farsons. Huwa żied jgħid li l-proġett propost ser ikopri medda ta' 13,700 metri kwadri li jinkorpora ħames blokok ta' uffiċini u ġnien pubbliku li għaldaqstant ikun jista jitgawda mir-residenti Vendriżi. Apparti minn hekk is-Sindku nforma lill-membri li dan il-proġett ser jipprovdi madwar 700 spazju għall-parkeġġ, madanakollu s-Sindku xorta ħass li kellu jressaq ir-riservi tiegħu.

## 10. Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa tal-Kunsill ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 6 ta' Frar, 2017 fil-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta' filgħaxija.

***Stephen Sultana***
*Sindku*

**Jane Yvonne Spiteri**
*Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 6/1/17